**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1160/97

Victor Buttigieg

vs

Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-23 ta' Frar 2000 giet korretta ghal Malatcom p.l.c.

Illum 6 ta' Mejju, 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1990 huwa sofra ingustizzja meta saret jew inghatat, bi pregudizzju ghall-istess rikorrent, distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u dan billi r-rikorrent gie mcahhad milli jinghata promozzjoni ghall-grad ta' **Technician III** meta kellu l-esperjenza, il-kwalifiki u l-kwalitajiet kollha necessarji sabiex jinghata din il-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: Ir-rikorrent ilu impjegat mal-Korporazzjoni intimata mis-sena 1980 meta huwa kien beda l-impieg tieghu bhala apprentist. Huwa applika ghall-promozzjoni ta' Technician III f'Lulju tas-sena 1989, meta huwa kien diga kellu l-grad ta' Technician II. Wara li gie soggett ghall-process ta' ezaminazzjoni li, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, kien process mill-aktar irregolari, inkonsistenti u diskriminatorju, huwa ma nghatax il-promozzjoni li ghaliha huwa applika, nonostante illi huwa kellu l-hila u l-kwalifiki necessarji sabiex jinghata dan il-grad. Minflok din il-promozzjoni nghatat il-persuni ohra li ma kellhomx il-hila, l-esperjenza u sahansitra anke l-grad li kellu r-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat:

1) Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta' Technician III u s-seniority rispettiva tal-grad fih promoss b'sehh mid-data li minnha kienu intizi li jkunu applikabbli l-imsemmija promozzjonijiet u konsegwentament jigi aggustat il-grad u/jew l-iskala prezenti tieghu.

2) Illi jigi mhallas lir-rikorrent dik is-somma li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida liema somma tirraprezenta d-differenza fl-ammont ta' dhul

bhala income u beneficcji ohra li huwa ma hax u danni ohra minnu sofferti minhabba tali ingustizzja.

3) Jew inkella jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu, li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecom Technician III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kkwalifikax.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab biss 29 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 3 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz, 3 marki minn 20 ta' l-esperjenza; 7 marki minn 15 il-marka tal-kwalifki; 6 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 6 marki minn 10 marki ghal Taghrif Generali u 4 minn 5 marki ghall-personalita`.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li gew promossi nies b'inqas kwalifiki mir-rikorrent, il-korporazzjoni rrizervat li twiegeb u tressaq ix-xhieda meta

tigi kjarifikata din l-allegazzjoni u jinghata l-ismijiet tal-persuni li dwarhom qed issir l-allegazzjoni.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent opprezenta affidavit fejn qal li fl-1986 wara li hargu s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' TTII u Power Electrician, hu kien gie promoss ghall-grad ta' Power Electrician. Fl-1989 gie maghzul biex jattendi kors fi Franza u fl-Svezja fuq is-sistemi tal-power. Fl-1989 hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' TTIII fejn ilmenta ghall-marki li gab ghall-diversi kriterji. Semma persuni li m'ghandhom ebda kwalifiki u hadu l-promozzjoni waqt li hu bil-kwalifiki li kellu ma hadhiex. Ilmenta wkoll ghas-sitt punti minn ghoxrin ghall-mistoqsija teknika. L-istess ghall-mistoqsija generali nghata 6 minn 10 punti meta gie mistoqsi x'jismu, xi grad ghandu u

fejn kien stazzjonat. Huwa pprezenta kopji tac-certifikati tieghu esebiti minn pagna 16 sa 24 tal-proccess.

Ir-rikorrent in kontro ezami qal li hu hassu diskriminat fis-sejha ghall-promozzjoni. Semma lil Bezzina Michael li kien apprentist mieghu u ghas-snin ta' servizz gab 4 marki u mhux 3. Hass li din il-persuna giet favorita.

Xehed Patrick Theuma Technical Executive mal-Maltacom. Ilu jaf lir-rikorrent mill-1982. Iddeskriva lir-rikorrent efficjenti fuq xoghlu u kien jaghtih xoghol ta' fault finding li kien xoghol delikat. Hu kklasifika x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent bil-lejl bhala ta' TTIII jigifieri ta' grad superjuri milli kellu.

Xehed l-Inginier Albert Balzan li kien Head of Internal Communications mal-Maltacom. Qal li kien chairman fuq il-bord flimkien ma Charles Zammit u Godwin Ellul. It-tlieta li huma kienu ltaqghu minn qabel biex jiddeciedu dwar l-allokazzjoni tal-marki. Qal li hu kellu x'jaqsam mal-gradi ta' natura teknika. Hu biss kien il-persuna teknika fil-bordijiet in kwistjoni. Huwa kien il-persuna li kien jaghmel id-domandi ghall-mistoqsijiet teknici. Id-domandi l-ohra kienu jsiru minn kullhadd. Fil-mistoqsija teknika kien hu ukoll li jaghti l-marki. Fil-kriterji l-ohra l-marki kienu jiddeciduhom bejniethom. Fir-rigward ta' kwalifiki kienu jaghtu importanza lill-full technology certificates. Is-snin ta' esperjenza tawhom importanza kbira wkoll, il-marki kienu proporzjonati mas-snin ta' servizz. Ir-rapport ghall-interviews gie preparat mill-bord miktub minn skrivana taht id-direzzjoni tal-membri tal-bord. Ir-rapport kien gie ffirmat minn

tlett membri fil-bord. Semma wkoll li saru xi rakkomandazzjonijiet qabel l-interviews minn naha ta' Ministri u anki mill-GWU. Waqt l-interview il-personal files tal-kandidati ma kienux ghandhom izda qal li hu kien jaf lin-nies sewwa. Qal ukoll li jekk kandidat kien jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu normalment kien jghid dan waqt l-interview. Ma kienx il-kaz li wiehed jaghmel counter checks.

Xehed David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom li pprezenta r-rapport tal-bord ta' l-ghazla ghal grad ta' Telecom Technician III dwar il-process ta' l-ghazla ghall-promozzjonijiet li saru bejn l-1989 u 1990, bil-kriterji kollha u bl-ordni tal-mertu.

Xehed Edmond Micallef li kien chairman tal-Bord ta' l-Appelli rigward il-promozzjonijiet li saru fil-Malatcom bejn l-1988 u 1989. Ikkonferma r-rapport immarkat Dok CVX kif ukoll il-firem.

Illi saret referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta’ servizz (seniority) u kwalifiki ghax f’dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta’ ingustizzja.  B’daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita’, adattabilita’ ghax-xoghol in kwistjoni,  u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f’dan il-kaz u cioe’:

| | |
|---|---|
| Snin ta’ Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita’ | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki.  Kif jista’ jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali.  Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda.  Ir-risposti kienu jinghataw f’minuta, tnejn f’interview.  Dan ma kienx xi ezami skritt.  Il-personal files tal-applikanti ma kinux f’idejn il-Bord.  Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe’ il-kriterju ta’ kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta’ liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku.  Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 15% |
| Kwalifiki | 25% |
| Mistoqsija Teknika | 15% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

**Analizi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu

jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent dahal jahdem mat-Telemalta fl-1983 u ghalhekk suppost li nghata 6 marki u mhux 3 ghax ghalkemm ma hemm imnizzel xejn fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena meta qies l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li trid tinhadem b' marka ghal kull sena; ghalhekk ir-rikorrent qed jinghata 6 marki;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 3; meta wiehed iqis in-numru ta' snin li kien ilu mal-korporazzjoni kien haqqu 6; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 5;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 12;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 6; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 5;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 6; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 6;

Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 4.

Dan igib it-Total ghal TT III ghal 38.  Illi ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.